



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.4.2007
KUMM(2007) 211 finali

2007/0079 (CNS)

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995,
ibbażata fuq l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija
ta' l-informatika għal finijiet doganali**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005 tal-Bulgarija u r-Rumanija¹ daħħal sistema simplifikata għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-konvenzjonijiet (u l-protokolli) konklużi mill-Istati Membri fuq bażi ta' l-Art. 34 TEU (li qabel kien l-Art. K.3 TEU) jew l-Art. 293 KE. Fil-fatt, m'huwiex aktar meħtieġ, kif kien fil-passat, li dawn il-protokolli speċifiċi ta' adeżjoni għal dawn il-konvenzjonijiet jiġu nnegożjati u konklużi (li jkun jimplika ratifika minn 27 Stat): L-Artikolu 3(3) ta' l-Att sempliċiment jistipula li l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu għal dawn il-konvenzjonijiet u l-protokolli permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

L-Artikolu 3(3) u 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jistipula illi, għal dak l-iskop, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jiddetermina d-data meta dawn il-konvenzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija u biex jagħmlu t-tibdiliet kollha meħtieġa għal dawn il-konvenzjonijiet meħtieġa minħabba l-adeżjoni ta' żewġ Stati Membri ġodda (li tinkludi, f'kwalunkwe każ, l-adozzjoni tal-konvenzjonijiet fil-lingwa Bulgara u l-lingwa Rumena, sabiex dawn il-verżjonijiet jistgħu jkunu "awtentiċi b'mod ugwali"). Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

L-Anness I għall-Att ta' l-Adeżjoni jagħti l-lista tas-seba' konvenzjonijiet u protokolli kkonċernati fiż-żona ta' l-Affarijiet ta' l-Intern u tal-Ġustizzja.

Il-lista tinkludi l-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, imfassla fuq bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali, il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, imfassal fuq bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar l-interpretazzjoni, permezz ta' deċiżjonijiet preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjonijiet dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali, Il-Protokoll tat-12 ta' Marzu mfassal fuq fuq bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskop tal-laundering tar-rikavati fil-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali u l-inklużjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-mezzi ta' trasport fil-Konvenzjoni, u l-Protokoll tat-8 ta' Mejju 2003, stabbilit skond l-Artikolu 34 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, li jemenda, inkwantu għall-ħolqien ta' database għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali, il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' teknoloġija informatika għal skopijiet doganali.

Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija intenzjonata biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-Konvenzjonijiet u Protokolli msemmija hawn, skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

¹ ĠU C 2005, L 157, p. 203.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, ibbażata fuq l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, (minn issa 'l quddiem imsemmi "l-Att ta' l-Adeżjoni") u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni mfassla fuq bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali⁴, (minn issa 'l-quddiem imsemmija bħala l-"Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali") ġiet iffirmata fi Brussel fis-26 ta' Lulju 1995 u daħħlet fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2005.
- (2) Il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali kienet kumplimentata mill-
 - Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-interpretazzjoni, bħala deċiżjonijiet preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali (minn issa 'l-quddiem imsemmija "l-Protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja") li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2005;
 - il-Protokoll tat-12 ta' Marzu 1999, imfassal fuq bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskop tal-laundering tar-rikavati fil-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali u l-inklużjoni

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁴ ĠU C 316, 27.11.1995, p. 34.

tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-mezzi ta' trasport fil-Konvenzjoni⁵, (minn issa 'l-quddiem imsemmi bħala "il-Protokoll dwar l-iskop tal-laundering tar-rikavati") li għandu jidħol fis-seħħ 90 jum wara n-notifika mill-Istat Membru li, bħala membru ta' l-Unjoni Wwropea fid-data ta' adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Att li fassal dan il-Protokoll, huwa l-aħħar li jissodisfa dik il-formalità.

- Il-Protokoll tat-8 ta' Mejju 2003, stabbilit skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jemenda, li jemenda, inkwantu għall-ħolqien ta' database għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali, il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' teknoloġija informatika għal skopijiet doganali⁶, (minn issa 'l-quddiem imsemmi bħala "il-Protokoll għall-ħolqien ta' database għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali") li għandu jidħol fis-seħħ 90 jum wara n-notifika mill-Istat Membru li, bħala membru ta' l-Unjoni Ewropea fid-data ta' adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Att li fassal dan il-Protokoll, li huwa t-tmin biex jikkompleta din il-formalità, jidħol fis-seħħ għat-tmin Stat Membri kkonċernati.
- (3) Wara s-sħubija tagħhom għall-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja l-Islovenja u l-Islovakkja ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija informatika għal skopijiet doganali; ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja l-Islovenja u l-Islovakkja ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' adeżjoni għal tliet Protokolli; Il-Latvja ddepożitat l-istrumenti tagħha ta' adeżjoni għall-Protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.
- (4) L-Artikolu 3 (3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jistipula li l-Bulgarija u r-Rumanija jaċċettaw dawn il-konvenzjonijiet u l-protokolli konklużi bejn l-Istati Membri, elenkati fl-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, li jinkludi, *inter alia*, il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika għal finijiet doganali u l-Protokolli għal dik il-Konvenzjoni. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija fid-data deċiża mill-Kunsill.
- (5) Skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni fdawk il-konvenzjonijiet u protokolli,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' teknoloġija informatika għal skopijiet doganali, il-Protokoll għall-ħolqien ta' database għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali, il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Protokoll dwar l-iskop tal-laundering tar-rikavati, imfassla fil-lingwa Bulgara u Rumena u annessi ma' din id-Deċiżjoni, għandhom ikunu awtentiċi skond l-istess kondizzjonijiet baħt-testijiet oħra tal-Konvenzjoni dwar l-użu ta' teknoloġija informatika għal skopijiet doganali u l-Protokolli tiegħu.

⁵ ĠU C 91, 31.3.1999, p. 2.

⁶ ĠU C 139, 31.6.2003, p. 2. (Corrigendum ĠU C 56, 5.3.2005, p. 46. u ĠU J C 191, 5.8.2005, p. 18.)

Artikolu 2

Il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' teknoloġija informatika għal skopijiet doganali, kif ġiet emendata mill-Protokoll għall-ħolqien ta' database għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali u din id-Deċiżjoni, kif ukoll il-Protokoll tiegħu dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u dwar l-iskop tal-laundering tar-rikavati, għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni għall-Bulgarija u r-Rumanija u l-Istati Membri l-oħra li għalihom din il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija informatika għal finijiet doganali daħlet fis-seħħ. Din għandha tidħol fis-seħħ bejn il-Bulgarija, ir-Rumanija u kull Stat Membru ieħor fil-jum li l-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija informatika għal finijiet doganali tidħol fis-seħħ għall-Istati Membri oħra kkonċernati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

Test tal-Konvenzjoni dwar l-użu ta' teknoloġija informatika għal skopijiet doganali u tal-Protokollu dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-iskop tal-laundering tar-rikavati u dwar il-ħolqien ta' database għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali fil-lingwa Bulgara u Rumena